# Don Pietro Caloyro
## Dawl ġdid dwar xi kappillani taż-Żejtun qabel il-Kavallieri



*Kan. Dun Joe Abela*

**X'intqal fl-imgħoddi:**

Il-parroċċa ta' Santa Katarina fiż-Żejtun ilha hekk sa minn qabel is-sena 1436. S'intendi l-knisja parrokkjali kienet biss parti mill-knisja li nsejħulha ta' San Girgor. Fl-imgħoddi kien jingħad u jinkiteb li l-ewwel kappillani taż-Żejtun kienu: Dun Pawl Branchel-(1436-1492); Dun Guiellmo Zullo (imsejjaħ Balder -1492-1502); Dun Anton de Nicolaci (1502-1522); Dun Piet Pannunzio (1522-1526); Dun Girgor Saura (1526-1531). Nieqfu hawn. Fis-sena 1530 ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann hawn Malta. **Iżda din il-lista hi eżatta jew fiha xi żbalji?** Ma rridux ninsew li fl-istudju tal-Istorja dejjem jinkixfu ħwejjeġ ġodda, li spiss jikkontradixxu dak li jkun inkiteb qabel. **Din ħaġa tajba.** Għalhekk isiru r-riċerki storiċi! Biex dejjem nitgħallmu u nkunu aktar eżatti f'dak li ngħidu u niktbu. Fil-fatt din il-lista li tajna hi meħuda minn dak li kiteb E.B. Vella fil-pubblikazzjoni tiegħu dwar l-istorja taż-Żejtun u M'Xlokk. Dan s'intendi bl-ebda mod ma jnaqqas mill-mertu ta' dan l-istoriku. Din il-lista hi wkoll ripetuta fuq l-irħama li hemm fis-sagristija tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun.



PARROĊĊA
SANTA KATARINA V. M.
ŻEJTUN
KAPPILLANI

| | |
|---|---|
| DUN PAWL BRANCHEL | * 1436 - 1492 |
| DUN GULIELMU ZULLO | 1492 - 1502 |
| DUN ANTON DE NICOLACI | 1502 - 1522 |
| DUN PIETRU PANNUNZIO | 1522 - 1526 |
| DUN GIRGOR SAURA | 1526 - 1532 |
| DUN ĠWANN MAMO | 1532 - * * |
| DUN MATTEW BURLÒ | 1587 - 1626 |
| DUN ANTON MICALLEF | 1626 - 1664 |
| DUN MELCHIORRE BONNICI | 1664 - 1679 |
| DUN UGOLIN BONNICI | 1679 - 1712 |
| DUN ANTON GAFÀ | 1712 - 1733 |
| DUN LAWRENZ MALLIA | 1734 - 1736 |
| DUN GIANPATIST SAGONA | 1736 - 1742 |
| DUN FRANĠISK ROSSI | 1742 - 1743 |
| DUN INDRI XUEREB | 1743 - 1769 |
| DUN FRANĠISK M. XUEREB | 1769 - 1801 |
| DUN ĠAKBU MIK. TORTELLA | 1802 |
| DUN BARTILMEW SANT | 1802 - 1837 |
| KAN. DUN PAWL ELLUL | 1839 - 1861 |
| DUN VINĊENZ MAGRI | 1861 - 1865 |
| DUN GIAMMARIA TABONE | 1865 - 1880 |

* IŻ-ŻEJTUN SAR PARROĊĊA QABEL IL-1436.
** NRUQ TAR-REGISTRI FL-ASSEDJU L-KBIR (1565)

***Irħama bl-ismijiet tal-Kappillani taż-Żejtun li tinsab fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali.***

**"The Maltese Diocese during the Sixteenth Century"**

Mons Vincent Borg, minn Birkirkara, ħabib tiegħi u kumpann tiegħi fl-Università ta' Malta, m'ilux ħafna ppubblika kotba ta' interess kbir dwar l-istorja tal-kleru Malti. Mons Borg dam snin kbar professur tal-Istorja tal-Knisja fl-Università ta' Malta fejn għallem numru kbir ta' seminaristi, li wara saru saċerdoti. Barra minn hekk, hu wkoll Kantur tal-Katidral, u allura responsabbli wkoll mill-knisja ta' San Girgor hawn fiż-Żejtun. Fil-fatt, l-arma tiegħu hi l-aħħar waħda fil-lista tal-kanturi li tinsab fis-sagristija ta' din il-knisja storika. Il-gost tiegħu hu li jqaddes il-Quddiesa f'San Girgor meta jispiċċa l-pellegrinaġġ annwali nhar San Girgor, l-Erbgħa wara l-Għid il-Kbir.

Barra l-ħafna pubblikazzjonijiet oħra tiegħu, lilna llum jinteressawna dawn it-tliet studji interessantissmi, li fuqhom Mons. Borg kien ilu jaħdem snin twal: **Volum I u Volum II, "The Maltese Diocese and the Sicilian Environment from the Norman Period till 1500 AD"**, u **"The Maltese Diocese during the Sixteenth Century"**. Għas-suġġett ta' din il-kitba tiegħi tal-lum, hi ta' għajnuna kbira din l-aħħar pubblikazzjoni: **Il-Kleru Malti matul is-Seklu Sittax,** jiġifieri, bejn wieħed u ieħor fis-snin 1450-1530. Is-sena 1530 timmarka l-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann hawn Malta, kif diġà għidna. Din il-pubblikazzjoni twila 800 paġna, u li jien flejtha mill-aħjar li stajt, tiġbor lista tal-qassisin Maltin u barranin li servew fil-Gżejjer Maltin, matul is-seklu 16, l-aktar fir-rabta tagħhom mal-benefiċċji li kienu jgawdu.

S'intendi niltaqgħu ma' kappillani u xi viċi-kappillani, li servew fiż-Żejtun, għalkemm it-tagħrif dwar parroċċi oħra qodma, bħal Ħaż-Żebbuġ, Ħal-Qormi, in-Naxxar u Birkirkara, hu aktar vast. Iż-Żejtun kien imbiegħed wisq mill-Belt kapitali, l-Imdina, u allura xi ftit iżolat. Aktar kien magħruf għall-attakki tal-furbani! Lili laqtitni l-imħabba li Mons Borg juri għaż-Żejtun u l-parroċċa ta' Santa Katarina f'dawn il-pubblikazzjonijiet tiegħu.

**Kappillan Petrus Caloyro**

Fil-paġna 538 tal-pubblikazzjoni "The Maltese Diocese during the Sixteenth Century" Mons. Borg jagħti lista tal-kappillani taż-Żejtun bejn is-snin 1502-1626. Dwar Petrus Caloyro ma setax ikun aktar ċar. Aħna fiż-Żejtun qatt qabel ma konna smajna dwar dan il-kappillan, iżda Mons Borg jagħmilha ċara li l-kappillan taż-Żejtun fis-snin ċ. 1518-1530 ma kien ħadd ħlief Caloyro. Araw il-lista tal-Kappillani Żwieten skont Mons. Borg:

1502-ċ 1522: Antonio de Nicolaci
ċ 1518-1530: Petrus Caloyro
1530-1587: Joannes Mamo
1587-1626: Mattheus Burlo.

U fejn huma l-kappillani li aħna, mhux l-ewwel darba qrajna dwarhom, jiġifieri **Dun Pietru Pannunzio u Dun Girgor Saura**? U Mons. Borg iżid jgħid li **Pietro Pannunzio** kien ingħata pensjoni minn fuq il-Prebenda tal-Parroċċa taż-Żejtun fis-sena **1518, meta Caloyro kien diġà Rettur ta' din il-Parroċċa taż-Żejtun.** U f'paġna 451, Mons Borg jikteb dwar Pietro Pannunzio, li l-Ittri Appostoliċi bid-data 25 t'April 1518 kienu tawh pensjoni minn fuq il-prebenda parrokkjali ta' **Santa Katarina fiż-Żejtun meta Dun Pietru Caloyro kien il-kappillan tagħha.** U meta jikteb dwar il-Kappillan Joannes Mamo, Mons. Borg, f'paġna 321, jgħid li l-Ittri Appostoliċi tal-20 ta' Diċembru, 1530, kienu installaw lil Mamo bħala Rettur tal-Prebenda Parrokkjali ta' "Santa Katarina taż-Żejtun" wara l-mewt ta' **Dun Pietru Caloyro.** U xi ngħidu dwar Dun Girgor Saura? Skont Mons. Borg (p.238), "Pietru Caloyro rċieva l-prebenda tal-parroċċa ż-Żejtun, prebenda li baqa' jgawdi sa mewtu fis-sena 1530, meta ngħatat lis-suċċessur tiegħu Dun Joannes Mamo. Dari kien jingħad li l-predeċessur ta' Mamo f'dan l-uffiċċju kien **Dun Girgor Saura**. Iżda jidher li dan kien **żball ċar** għaliex Dun Girgor Saura kien sar kappillan ta' Ħal-Qormi fis-sena 1507, u rriżenja minn din il-parroċċa fl-1526, minħabba nuqqas ta' saħħa." Kollox jindika li hu veru li fis-snin ċ. 1518-1530 Dun Pietru Caloyro kien kappillan iż-Żejtun. Jien imxejt fuq l-istudji u r-riċerki, intenni, li għamel ħabibi Mons. Borg, iżda nibqgħu dejjem miftuħa għal dak li ħaddieħor jista' jiskopri fil-ġejjieni.

**Iż-Żejtun fi żmien Caloyro**

Kienu l-aħħar snin eżattament hawn Malta qabel il-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Iż-Żejtun kien raħal fqir u iżolat ħafna. Iż-Żwieten kienu jiddependu għall-għixien l-aktar fuq il-biedja u x-xogħol tal-qoton. Meta ma kienx hawn fiż-Żejtun, li kien għadu jinkludi lil Ħaż-Żabbar, Ħal-Għaxaq u M'Xlokk, aktar minn forsi elf ruħ u kien jikkonsisti biss fi tliet irħula żgħar: Bisqallin, Ħal-Bisbut u l-Gwiedi. Il-knisja parrokkjali kienet dik li llum insejħulha "Ta' San Girgor", iżda kienet bil-wisq iżgħar minn kif nafuha preżentement. Il-kappelluni ma kinux għadhom inbnew u allura l-knisja kienet tikkonsisti f'dik il-parti li llum insibuha bħala l-kursija, li kienet għadha kif ġiet imkabbra fis-sena1492 Koppla ma kienx hemm. Iżda l-kursija ta' dan iż-żmien kienu sarulha ċerti modifikazzjonijiet wara.

Dan biżżejjed dwar Dun Pietru Caloyro u żmienu **il-kappillan minn taż-Żejtun.** Ma jimpurtax; għalhekk isiru r-riċerki storiċi, biex dejjem nitgħallmu.




***Arma li tinsab fis-sagristija tal-Knisja l-Antika ta' Santa Katarina magħrufa bħala "Ta' San Girgor."***